Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Numru 476/2010

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

William Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 403973M talli matul il-jum tas-26 ta’ Frar 2010 gewwa l-Belt Valletta u Floriana b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 116.47 Ewro ghad-detriment ta’ Keith Muscat detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru

352075M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAU901;
2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 116.47 Ewro ghad-detriment ta’ Alfred Aquilina detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 253844M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LQZ107;
3. fl-istess data u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ ghodda ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ 232.94 Ewro liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Keith Muscat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 352075M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAU901;
4. fl-istess data u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ oggetti ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ 232.94 Ewro liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Alfred Aquilina detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 253844M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LQZ107;
5. fl-istess zmien laqa’ ghandu jew xtara ghodda li l-valur taghha ma jeccedix il-valur ta’ 232.94 Ewro liema ghodda kienet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat;
6. b’hekk irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih baghat lill-akkuzat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti ai termini tal-Artikoli tal-ligi minnu hemm citati;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali huma ta’ serq, hsara volontarja, ricettazzjoni u li hu recidiv. Is-serq jikkoncerna dak minn zewg vetturi li kienu ipparkeggjati wahda f’Triq is-Sarrija l-Floriana u l-ohra f’Triq Zekka il-Belt wara li kienet inkisritilhom tieqa tal-gemb fuq in-naha ta’ wara ossija il-‘quarter window’. Il-vetturi in kwistjoni huma dawk bin-numru ta’ registrazzjoni HAU 901 Toyota Starlet li kienet thalliet ipparkeggjata l-Floriana minn sidha Keith Muscat bejn il-hin tas-7.00 ta’ filghodu sas-6.45 ta’ filghaxija u l-ohra bin-numru ta’ registrazzjoni LQZ 107 Kia Picanto li kienet thalliet ipparkeggjata l-Belt bejn is-6.15 u 6.45 ta’ filghaxija. Is-serq fuq dawn iz-zewg vetturi sehh fl-istess gurnata tas-26 ta’ Frar 2010. Jirrizulta mill-provi li dak inhar PC 418 John Rapinett inzerta ghaddej minn South Street il-Belt meta ra lill-imputat miexi b’pass mghaggel izzomm basket f’idejh. Minhabba li l-imputat kien qieghed imfittex l-kuntistabbli informa l-ghassa tal-Belt u fil-hin tat-8.45 ta’ dik l-istess filghaxija gie imwaqqaf fl-akkwati ta’ Bieb il-Belt u mehud l-ghassa tal-Belt. Dwar il-kontenut fil-basket li kellu l-imputat fil-hin tal-arrest dawn irrizultaw f’trabixxu, tornavit u ghodda ‘multi purpose’ (‘swiss knife’). Dwar dawn l-ghodda rrizulta li kienu ta’ l-imsemmi derubat Keith Muscat li nsterqulu minn gewwa l-vettura u kien identifikahom l-ghassa tal-Belt. Dwar is-serq mill-vettura Kia Picanto l-istess sar permezz tal-ksur tal-‘quarter widow’ u ittiehed ‘radio cassette’.

Intant, fuq il-fatt biss tal-pussess tal-ghodda li nstabu ghand l-imputat dan hu indizju qawwi li juri li l-akkuzat huwa l-halliel aktar u aktar fin-nuqqas ta’ spjegazzjoni li turi xort’ohra. Ghalkemm l-imputat xehed li kien xtara l-ghodda in kwistjoni minn ‘hawker’ armat b’tillar minn bieb il-Belt, il-Qorti mhiex propensa fic-cirkostanzi li tqies tali spjegazzjoni kredibbli u lanqas verosimili. Fil-kas ta’ dan is-serq li hu cert hu li l-valur komplessiv tal-ghodda ma jissuperax t-233 Ewro izda hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa akkumpanjat minn hsara volontarja konsistenti fi ksur tat-tieqa meqjusa bhala mezz ghall-fini. Kontrajament, il-prova rigwardanti l-izgass u konsekwenti serq ta’ lis-‘stereo’ huma dawk li huma u ma jorbtux l-

akkuzat ma’ dan is-serq. Il-prova indiretta, biex tissejjah hekk, li l-imputat gie notat jimxi b’pass mghaggel vicin il-hin tas-serqa l-Belt mhux boghod mill-vettura in kwistjoni, ghalkemm tista’ tkun prova cirkostanzjali, mhiex, fil-fehma tal-Qorti, qawwija bizzejjed sabiex issib reita’ fl-imputat ukoll ghal din s-serqa.

Inghad dan hi l-fehma tal-Qorti li gie pruvat is-serq fir-rigward il-vettura HAU901 riferenti l-ewwel akkuza, konsegwetement huma pruvati wkoll it-tieni u t-tielet akkuzi. Hi pruvata wkoll ir-recidiva skond l-Artikolu 289 tal-Kap 9 kif evidenzjat mis-sentenzi esebiti u l-fedina penali bl-estremi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 287 tac-citat Kap li ghalkemm mhux dedott mill-Avukat Generali huwa reat minuri u involut fl-akkuzi riportati kontra l-akkuzat. Issibu ghalhekk hati kif jinghad u tilliberah mill-bqija.

Rat dwar il-piena l-Artikolu 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 278(1)(2), 325(b), 17(b)(h), 31, 287, 289, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah tlett snin prigunerija bi tnaqqis taz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------